THE MALTA WELLBEING INDEX

TNEDIJA

Marie-Louise Coleiro Preca

10 ta’ Dicembru 2020

Fil-bini tal-Parlament

**Illum jahbat il-Jum Internazzjonali li jfakkar 72 sena minn meta l-Komunita’ Internazzjonali inghaqdet wara d-Dikjarazzjoni tal-Gnus Maghquda dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom l-ghan li l-bnedmin kollha u n-nazzjonijiet kollha jkollhom standards komuni ghal ghixien dinjituz.**

**Id-dikjarazzjoni ewlenija ghandha l-ghan li ma taghmilx distinzjoni bejn il-bnedmin u l-poplu, la fuq bazi ta’ nazzjonalita’, la fuq bazi ta’ generu, la fuq etnicita’, religjoni, lingwa jew xi status iehor, biex il-bniedem kollha jixmu ‘l quddiem f’hajjithom.**

**Id-drittijiet umani mhumiex xi filosofija. Izda huma set ta’ standards kif kull bnedmin, mit-twelid sal-mewt ghandu dritt li jghix, imsejsa fuq valuri li jaghtu garanzija ghal hajja: il-valuri tad-DINJITA’, tal-GUSTIZZJA, UGWALJANZA, RISPETT u INDIPENDENZA.**

**Izda minkejja li ghaddew 72 sena, fl-1948, minn meta id-Dikjarazzjoni tal-Gnus Maqghuda dwar id-drittijiet umani, xorta tibqa' differenza fil-kwalita' tal-hajja u l-wellbeing jew gid ta' kull membru tas-socjeta' f'Malta u fid-dinja.**

**Dawn id-differenzi m'humiex riflessi biss fid-differenza fid-dhul finanzjarju u fl-impjieg – li huma ta' importanza kbira fil-hajja tal-bniedem – izda huma riflessi wkoll fis-sahha fizika u mentali, fl-interazzjoni fil-familja u fis-socjeta', fil-livelli edukattivi, fil-hiliet, fl-espressjoni, fl-inkluzjoni Socjali, fil-kwalita' ta' l-ambjent u fl-spazji miftuha, u benchmarks jew kejl iehor dwar il-wellbeing jew il-gid li l-persuna ghandha access ghalih.**

**Il-Fondazzjoni ta' Mfalta ghal Gid tas-Socjeta' temmen f'socjeta' li taspira, li tkun inklussiva, gusta, ugwali u eco-friendly fejn kulhadd jista jikber u jgawdi minn kwalita' ta' hajja sostennibli, u li kulhadd ikollu l-opportunita' li jista' jkollu relazzjonijiet produttivi u bis-sens.**

**F'hafna minn dawn l-oqsma ghandhom bzonn trasformazzjoni u riformi urgenti, biex nassiguraw il-harsien u r-rispett ghad-drittijiet umani u d-dinjita' b'mod shih.**

**Huwa f'dan il-kuntest li illum qeghdin hawnhekk biex inhabbru t-tnedija tal-Malta Wellbeing Index.**

**Il-Malta Wellbeing Index huwa progett mahsub li jinforma l-policy b'mod olistiku, u li jhares li 'l hinn mis-success ta' l-ekonomija, li jhares lejn s-success Socjali, Ambjentali ghal kulhadd.**

**Il-Progett huwa mahsub u msejjes fuq ricerka dwar il-wellbeing tas-setturi differenti tas-socjeta'.**

**Irrid ninnota bi pjacir u b'entuzjazmu li din mhix l-unika inizjattiva li qed tittiehed dwar il-gid tas-socjeta'. Ghalhekk qed nittamaw li nizviluppaw allejanzi ma' entitajiet ohra u s-socjeta' civili, kemm lokalment izda wkoll ma' istituzzjonijiet internazzjonali, biex nevitaw id-duplikazzjoni, naqsmu l-esperjenzi u l-expertise, u nippromovu l-kollaborazzjoni.**

**Hawnhekk ghandi l-pjacir inhabbar li diga ghandna l-konferma ta' ghadd ta' istituzzjonijiet internazzjonali li se jkunu qed jaghtu l-pariri fuq High-Level Advisory Board ghal dan il-progett, fosthom: Il-World Bank Group, il-London School of Economics, in-New**

**Economics Foundation kif ukoll L-Ufficcju Nazzjonali ta' l-Istatistika f'Malta. Aktar tard inhabbru l-kompozizzjoni kompluta ta' dan il-High Level Advisory Board.**

**Dan il-progett ilu mahsub mill-Fondazzjoni ta' Malta ghal Gid tas-Socjeta'. L-ewwel darba li tkellimt dwar il-htiega ta' Wellbeing Index kien propju f'Dicembru 2014, meta kont President propju fid-diskors tar-Repubblika.**

**Imbaghad is-sena ta' wara, 5 snin ilu, fis-sena 2015, meta organizajna l-ewwel Konferenza dwar il-Wellbeing, kien hareg car il-htiega li jkollna statistika nazzjonali dwar il-wellbeing u ricerka regolari li tkun robusta biex nikkomparaw il-wellbeing ta' setturi differenti tas-socjeta' Maltija, matul iz-zmien u ma' pajjizi ohra biex ninfurmaw il-policy.**

**Biex twettaq dan il-progett, Il-Fondazzjoni ta' Malta ghal Gid tas-Socjeta', qed tikkollabora ma' l-Universita' ta' Malta, li hija partner ewlenija taghna, u li hija assistita minn Dr Marie Briguglio bhala l-investigatur ewlieni. Dr Marie Briguglio hija ekonomista u esperta fuq l-analizi ta' data dwar il-wellbeing. Dan apparti li ghandha esperjenza estensiva fuq wellbeing outreach u**

**l-kommunikazzjoni. Min hawn u ftit iehor se tkun qed tipprezenta d-dettalji tal-progett.**

**Irrid naghlaq billi naghti hajr lill-Ispeaker li huwa membru tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Fondazzjoni ta' Malta ghal Gid tas-Socjeta', li ghamel possibli li iniedu dan il-projett gewwa l-bini tal-Parlament. L-ghazla li niedu dan il-progett f'dan il-bini ta' l-istituzzjoni ta' pajjizna hija evidenza tal-prijorita' li dan il-progett ghandu u li jmur li 'l hinn minn kwalunkwe politika tal-partiti.**